**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO LL.D.**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**-Vs-**

**ABUSHABAB AYMAN**

**Illum 15 ta' Awwissu, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **ABUSHABAB AYMAN** ta' 36 sena, mill-Palestina imwieled Gaza nhar it-30 ta' Marzu 1983 iben Fahti u Fazen Abushabab, minghajr residenza fissa u bl-applikazzjoni ghall-azil gewwa Malta numru 22709/17 tressaq quddiemha akkuzat talli:-

Nhar l-14 ta' Awwissu ghall-habta ta' 02:30hrs ta' filghodu, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'

Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi saq vettura bil-mutur minghajr licenzja tas-sewqan;

U aktar talli saq vettura bil-mutur fit-toroq minghajr ma kellu polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

Kif ukoll talli saq jew ipprova jsuq vettura jew kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li kienet fi triq jew post pubbliku iehor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali moghtija ghall-finijiet tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qortisabiex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontrih[1];

Rat illi waqt l-ezami fl-udjenza tal-15 ta' Awwissu 2019, l-imputat iddikjara li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija, wara illi ssospendiet il-prezentata sabiex taghti lill-istess imputat opportunita` jerga'

[1] Ordni datata 15 ta' Awwissu 2019, Dok. CC1 a fol. 6

jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li fissritlu l-gravita` tal-akkuzi li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli ghal kull wahda u tinsab sodisfatta illi l-imputat fehem l-import tal-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti kkunsidrat illi l-akkuzi li ammetta ghalihom l-imputat, senjatament l-ewwel akkuza ta' pussess aggravat tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis bi ksur ta' l-Artikolu 8 (a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huma akkuzi serji li jimmeritaw piena ta' prigunerija. Izda, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fosthom il-ko-operazzjoni pjena tal-imputat fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija, il-fatt illi stqarr il-htija tieghu diga` waqt l-interrogazzjoni, kif ukoll il-fatt illi ma ngabet ebda prova tal-fedina penali tal-istess imputat, il-Qorti tqis illi ghandha tuza d-diskrezzjoni wiesa' taghha ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) biex teroga piena li toqrob lejn il-minimu kwantu l-piena ta' prigunerija kif ukoll kwantu l-piena tal-multa.

Kwantu ghar-reati prospettati taht il-Kapitolu 65 u l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi fin-nuqqas ta' provi ohrajn li juru l-kuntrarju, din ghandha titqies bhala l-ewwel kundanna tal-imputat taht l-Artikolu 15 u 15A tal-Kap. 65 u taht l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, u sejra ghalhekk tinfliggi piena ta' prigunerija ghar-reat taht l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104, u l-piena tal-multa ghar-reati taht l-Artikoli 15 u 15A tal-Kapitolu 65 li f'kull kaz ikunu qrib il-minimu.

Il-Qorti tosserva wkoll illi skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku kif ukoll skont l-Ordinanza dwar Assikurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni, l-iskwalifika tal-hati milli jzomm jew jikseb xi licenzja ta' sewqan, hija mandatorja.  Izda billi kif rajna, din jidher li hija l-ewwel kundanna tal-imputat ghar-reati taht l-imsemmija Ordinanzi, il-Qorti sejra tapplika l-perijodu minimu tal-iskwalifika mandatorjament imposta mill-Kapitolu 65 u mill-Kapitolu 104, u konsegwentement sejra tiskwalifika lill-hati milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien komplessiv ta' tmintax (18)-il xahar.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikolu 17(b)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a), 15(3), 15A, 15H(1)(a) u 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 8(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qieghda ssib lil AYMAN ABUSHABAB, fuq ammissjoni tieghu stess, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah  ghal piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u**

**multa ta' elf u seba' mitt Euro (€1,700), kif ukoll b'zieda mal-piena, tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni xi licenzja ta' sewqan ghal zmien komplessiv ta' tmintax (18)-il xahar, liema zmien ghandu jidhol fis-sehh u jibda jiddekorri mid-data li fiha l-hati jkun skonta l-perijodu kollu ta' prigunerija.**

**Tordna wkoll il-konfiska tal-droga esebita fl-atti[2] hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat a favur il-Gvern, kif ukoll id-distruzzjoni taghha taht il-harsien tar-Registratur li ghall-finijiet tal-Artikolu 670 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna illi l-atti, flimkien ma' din is-sentenza, jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**

---

[2] Dok. CC6.